MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 235/2011

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Claudio Borg (K.I. 745457M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Claudio Borg**
**Vs**
**Paul Farrugia (K.I. 540483M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' tliet elef, mitejn u tmienja u tmenin ewro u tmien ewro centezmi (€3288.08) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi in segwitu ta' incident illi sehh fis- 16 ta' April, 2009 fi Triq il-Gandoffli, San Pawl il-Bahar, meta gebel u materjal iehor tal-kostruzzjoni waqa' minn bini li kien qieghed f'fazi ta' zvillup taht it-tregija tal-konvenut Farrugia, waqa' ghal fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAT191 proprjeta' ta' Claudio Borg u assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici;

li ghaldaqstant hallset lill-assikurat taghha ghad-danni sofferti fuq il-vettura msemmija; u liema incident sehh unikament tort tal-konvenut u minhabba negligenza, traskuragini, imperizja u nuqqas ta' hila fis-sena u fl-arti da parti tal-istess konvenut; l-ammont mitlub jinkludi s-somma ta' hamsa u hamsin ewro (€55.00) mhallsa bhala 'excess' mill-assikurat tas-socjeta attrici; interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru, 2009 il-konvenut baqa' inadempjenti u kwindi kellhom jigu stitwiti l-proceduri odjerni; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru, 2009 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz, u bl-imghaxijiet mis-6 ta' Novembru, 2009 kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, ipprezentata fis-27 ta' Lulju 2011, fejn eccepixxa illi t-talba tar-rikorrenti hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, u dana billi l-incident mertu tal-kaz ma sehhx tort tal-intimat, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz; illi subordinatament u assolutament minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub mir-rikkorrenti hu f'kull kaz eccessiv, u qieghed ghaldaqstant jigi kkontestat; salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda kollha;

Ra d-dokumenti u l-atti kollha;

Fis-seduta tas-16 t'Ottubru, 2013, Dott. Albert Zerafa ssolleva l-eccezzjoni tal-inkompetenza ta' dan it-Tribunal stante illi din tirrigwardja hsara maghmula fuq vettura u ghalhekk il-Centru tal-Arbitragg ghandu gurisdizzjoni *ai termini* tar-raba' skeda tal-kapitlu 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra il-verbal tal-11 ta' Novembru, 2013 fejn it-talba thalliet ghas-sentenza in parte dwar l-ewwel eccezzjoni.

Mill-provi jirrizulta:

Din it-talba tirrigwarda danni subiti fuq il-vettura HAT 191 proprjeta’ ta’ Claudio Borg meta gebel u materjal iehor waqa’ fuq il-vettura fi Triq il-Gandofli, San Pawl il-Bahar fis-16 ta’ April 2009. Il-vettura kienet assigurata ma’ GasanMamo Insurance taht polza *fully comprehensive* plc. L-asikurazzjoni hallset it-tiswijiet fis-somma ta’ tliet elef mitejn u tmienja u tmenin ewro u tmien centezmi (€3288.08) u *excess* ta’ hamsin ewro (€50), ara, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta’ Claudio Borg. Il-karozza, Piaggio, bajda bit-targa HAT191 hija inxurjata *full cover*. Mhuwiex kontestat li l-incident sar b’mod involuntarju w lanqas li sehhet il-hsara.

**Stephen Zammit,** fix-xhieda tieghu, ddikjara illi kien jahdem mal-kumpanija Eurosun Limited. Kien juza il-vettura vann abjad Piaggio fil-gurnata tal-incident hu pparkja u telaq lejn ix-xoghol. Meta hareg persuna informatu li kien hemm ic-cnagen fil-van – il-vettura kienet *spiccuta b’dawn il-knaten li kienu farkuha wiehed gewwa l-windscreen u l-iehor fis-saqaf.* Ikkonferma li kienu qeghdin jinbew flats fejn kien ipparkja. Dan gie ikkonfermat minn **PS70 Omar Cassar** (ara Dok GMI, a folio 71) li kkonferma li vettura kienet HAT191 vann abjad, ra l-vettura fi Triq Gandolfi, San Pawl il-Bahar, ra l-hsara u anke ic-cnagen fuq il-vettura.

**IKKONSIDRA**

Fit-talba odjerna it-Tribunal qed jintalab jikkonsidera u jiddeciedi dwar l-eccezzjoni sollevata fis-seduta tas-16 ta’ Ottubru 2013. Ghalhekk, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jezamina u jiddeciedi dwar il-kompetenza o meno ta’ dan it-Tribunal biex jiehu konjizzjoni tat-talba attrici u dan ghaliex jista’ jkun li tali kompetenza hija vestita fic-Centru Malti tal-Arbitragg *ai termini* tar-raba’ skeda tal-kapitlu 387.

L-Att Dwar L-Arbitragg (Kapitlu 387) jistipula fis-subparagrafu 1.2 tar-Raba’ Skeda, tilwimiet dwar it-traffiku ta’ vetturi bil-mutur:

*"Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:*
*(a) kollizjoni bejn vetturi, jew*
*(b) hsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew*
*(c) talba bhal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratrci*
*fuq il-hajja, underwriter approvat mill- Ministru responsabbli ghat-trasport*
*jew persuna ohra li skond l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u*
*(d) li l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).*

Illi il-konvenut biex jissostanza l-eccezzjoni sollevata minnu ccita s-sentenza **Carmelo u Sonia Ritchie v Renald Barbara** (Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar deciza fil-25 ta' Gunju 2012). Illi is-socjeta' attrici da parti taghha ccitat is-sentenza **Atlas Insurance Insurance PCC Limited noe v Roberto Borg et** (Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar deciza fil-15 ta' Lulju 2013). Illi l-kwistjoni ta' gurizdizzjoni ta' dawn it-tipi ta' kawzi sfortunatement ghad ma gietx rizolta b'mod definittiv. Infatti fil-kawza **Atlas Insurance Insurance PCC Limited noe v Roberto Borg et** sar studju pjuttost dettaljat tas-sentenzi u divergenzi ta' opinjonijiet.

Illi minnhom tispikka il-kawza **Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Av. Dr. Therese Comodini sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Av. Dr. Therese Comodini v Gevimida Limited** (deciza mill-Qorti tal-Appell Sede Infjerjuri fit-23 t'Ottubru, 2009). Il-Qorti tal-Appell ghamlet riferenza ghat-titolu "Tilwimiet dwar it-traffiku tal-vetturi" u ddikjarat illi:

"*dan ifisser illi l-incident jew il-hsara in kwistjoni trid tirrizulta minn <u>sinistru stradali cioe minn incident tat-traffiku</u>*<u>".</u>

*Ghalhekk fil-fehma ta din il-qorti il-ligi kif inhi rettament interpretata ma ssostniex il-pretensjoni tal-appellanti ictu oculi mill-istess intestazzjoni ta sub paragrafu 1.2 il-kontroversja li il-legilslatur jirriserva b'mod mandatarju lill-Arbitragg huma dawk li ghandhom rapport kazwali ma incident tat-traffiku li jikkaggunaw dannu materjali fl-istess vetturai jew fi propjeta ta terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istress propjeta mill-vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess incident stradali. Il-kaz ta tagrif ta hajt fuq vettura stazzjonarja mingahjr dik il-konessjoni mhijiex wiehed min dawn. Sewwa ghalhekk irraguna it-tribunal illi dak ikkontemplat mill-ligi hija hsara kagonata bl-intervent ta vettura u mhux hsara li tista isehh fuq vettura, hi x'ihi il-fonti taghha*

Fil-kawza **Ciscaldi noe v Nicholas Camilleri** (deciza mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fid-19 t'April, 2012) l-Onorabli Qorti li waslet ghal konkluzjoni dijametrikament oppost ghas-sentenza kwotata fuq u ghamlet emfazi fuq il-kliem tal-ligi li jindikaw jekk incident sehh minhabba att voluntarju jew involuntarju – ossia: *meta l-hsara fuq porpjeta' li tikkkonsisti f' vettura u qed jigi allegat li giet ikkawzata involuntarjament mela allura tali mertu huwa sugget ghall-arbitragg mandatarju.*

Insosten tas-sentenza ***Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Av. Dr. Therese Comodini sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Av. Dr. Therese Comodini v Gevimida Limited*** it-Tribunal sedenti jaghmel referenza ghall-verzjoni Ingliza tal-istess titolu tal-Kap 887 li huwa: "Motor Traffic disputes", wiehed bilfors ghandu jinnota il-kliem *motor traffic* li skont dan it-Tribunal ma jhalliex wisq interpretazzjoni. U ghalhekk a bazi ta' din l-intenzjoni l-legislatur, fil-fehma tat-Tribunal, kien illi t-tilwima ghandha tkun jew tirrizulta minn incident awtomobilistiku stradali biex taqa' taht il-gurisdizzjoni tal-Centru tal-Arbitragg. Fir-rigward tal-fatti specie tal-kawza odjerna: hsara kawzata fuq vettura pparkegata minhabba cnaten u materjal li waqghu minn sit taht zvillup. L-incident ma huwiex relatat mas-sewqan u lanqas ma incident stradali.

**DECIZJONI**

Ghalhekk, fic-cirkostanzi t-Tribunal huwa tal-opinjoni illi kapitlu 387 ma japplikax ghal kaz odjern u li m'hemmx lok li jidhol fl-analizi tal-kategoriji fil-lista tas-subparagrafu 1.2 u specificament 1.2 sub inciz (b) *hsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi*. Illi fic-cirkostanzi, t-Tribunal ghandu il-kompetenza jisma' u jiddeciedi din it-talba. It-Tribunal ghaldaqstant jordna l-prosegwiment tas-smiegh ta' din it-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------